Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,391, 21 ta' April, 2020
Taqsima B

A.L. 147 tal-2020

ATT DWAR ID-DAZJU TAS-SISA
(KAP. 382)

Regolamenti tal-2020 dwar Ħlas iktar tard tad-Dazju tas-Sisa Pagabbli fix-Xhur ta' April u ta' Mejju 2020

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, il-Ministru għall-Finanzi u Servizzi Finanzjarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 dwar Ħlas iktar tard tad-Dazju tas-Sisa Pagabbli fix-Xhur ta' April u ta' Mejju 2020.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" ifisser l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa; u Kap. 382.

"dazju" tfisser id-dazju impost bl-Att.

Dazju pagabbli f'April 2020 hu pagabbli f'Ġunju 2020 u dazju pagabbli f'Mejju 2020 hu pagabbli f'Lulju 2020.

3. Id-dazju tas-sisa fuq l-oġġetti u s-servizzi kollha pagabbli f'dati differenti matul ix-xahar ta' April 2020 skont l-Att qed ikun dikjarat li hu pagabbli sittin (60) jum wara, iżda mhux iktar tard mit-28 ta' Ġunju 2020, u d-dazju tas-sisa fuq l-oġġetti u s-servizzi kollha pagabbli f'dati differenti matul ix-xahar ta' Mejju 2020 skont l-Att qed ikun dikjarat li hu pagabbli sittin (60) jum wara, iżda mhux iktar tard mis-26 ta' Lulju 2020.